# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 18 ta’ Gunju, 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Arthur Mercieca)**
**vs**
**Mark Deguara**
**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija

**Mark Deguara,** u detentur tal-karta tal-identita’ 138189M; u

**Omissis**

Akkuzati talli:

a. F’dawn il-Gzejjer fil-21 ta’ Dicembru, 2009 iddenunzjaw lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jafu li ma’ sarx, inkella b’qerq holqu tracci ta’ reat b’mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.
b. Bil-hsieb li jiksbu ghalihom infushom jew ghal haddiehor il-hlas ta’ flus ta’ sigurta kontra r-riskji jew xi qliegh mhux misthoqq, iddistruggew, xerrdu ’l hawn u ’l hemm jew gharrqu b’xi mezz li jkun hwejjeg taghhom.

c. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bil-qerq holqu jew gieghlu jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza sabiex dan il-fatt jew cirkostanza ikunu jistghu ’il quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b’hekk din il-persuna tkun tista’ tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta’ reat;

**Omissis** wahdu akkuzat ukoll talli fil-21 ta’ Dicembru, 2009 ghall-habta ta’ nofs il-lejl u kwart, fil-limiti tas-Siggiewi b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, ikkaguna hsara jew ghamel xi hsara jew hassar jew gharraq xi haga.

Rat id-degriet ta’l-Unur Tieghu il-Prim Imhallef Dr Silvio Camilleri tas-26 ta’ Ottubru, 2017 permezz ta’ liema l-proceduri gew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisafacjentment pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-ammissjoni ta’l-imputat, l-fedina

penali tieghu kif ukoll id-dekors taz-zmien mid-data li fiha twettqu r-reati in ezami.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 110(1)(2) u 295 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**